# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Dokument ta' sessjoni*

**A6-0188/2009**

31.3.2009

*

# RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru
(COM(2008)0081 – C6-0080/2009 – 2008/0036(CNS))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Paolo Costa

(Proċedura simplifikata - Artikolu (43(1)) tar-Regoli ta' Proċedura)

***Tifsira tas-simboli użati***

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **I | Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **II | Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| *** | Proċedura ta' kunsens<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE* |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt* |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

***Emendi għal test leġiżlattiv***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

NOTA SPJEGATTIVA ...........................................................................................................6

PROĊEDURA .......................................................................................................................8

# ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**
**(COM(2008)0081 – C6-0080/2009 – 2008/0036(CNS))**

**(Proċedura ta' konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2008)0081),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 80(2) u 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza tat-Trattat KE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat tal-KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0080/2009),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 51, 83(7) u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat dwar it-Trasport u t-Turiżmu (A6-0188/2009),

1. Japprova l-konklużjoni tal-ftehima;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan.

## NOTA SPJEGATTIVA

Skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, il-Komunità għandha kompetenza esklussiva fir-rigward ta' ċerti aspetti tal-avjazzjoni esterna li tradizzjonalment kienu amministrati mill-ftehimiet bilaterali tas-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi.

Konsegwentement, f'Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehimiet Komunitarji.

Għalhekk, il-Kummissjoni nnegozjat Ftehima mar-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan li tieħu post ċerti dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali tas-servizzi tal-ajru eżistenti bejn l-Istati Membri u r-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan.

Dawn il-bidliet jikkonċernaw:

L-Artikolu 2 (klawsola ta' deżinjazzjoni): Sabiex ma jkunx hemm diskriminazzjoni bejn trasportaturi tal-ajru tal-Komunità, il-klawsoli ta' deżinjazzjoni tradizzjonali, li jirreferu għat-trasportaturi tal-ajru tal-Istat Membru parti fil-ftehima bilaterali, ġew mibdula bi klawsola ta' deżinjazzjoni Komunitarja, li tirreferi għat-trasportaturi kollha tal-Komunità, trasportaturi taż-ŻEE u trasportaturi tal-Iżvizzera.

L-Artikolu 4 (il-prezzijiet): Jirrisolvi l-konflitti bejn il-ftehimiet bilaterali u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) 2409/92 dwar it-tariffi u r-rati għas-servizzi tal-ajru. Il-ftehima tistipula li t-tariffi li ghandhom jinżammu mit-trasportaturi tal-ajru maħtura mir-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan għall-ġarr fl-Komunità Ewropea biss għandhom ikunu suġġetti għall-liġi Komunitarja Ewropea.

L-Artikolu 5 (il-kompetizzjoni): Iġib id-dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali li huwa b'mod ċar kontra l-kompetittività f'konformità mal-liġi tal-kompetizzjoni tal-KE.

L-Annessi 1 u 2 jelenkaw il-ftehimiet bilaterali u l-artikoli tagħhom li huma msemmija fl-Artikoli 1 sa 4 tal-Ftehima proposta; dawn huma l-ftehimiet bejn ir-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan u l-Awstrija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugal, Spanja, l-Iżvezja, ir-Rumanija u r-Renju Unit.

L-Anness 3 jelenka l-istati l-oħra msemmija fl-Artikolu 2: L-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja - li jaqgħu taħt il-Ftehima dwar iz-Zona Ekonomika Ewropea - u l-Iżvizzera li taqa' taħt il-Ftehima bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport tal-Ajru.

Il-Ftehima nnegozjata mill-Kummissjoni ġiet iffirmata u għandha tkun applikata b'mod proviżorju. Id-Deċiżjoni proposta tal-Kunsill tagħti poter lill-President tal-Kunsill biex jaħtar il-persuna jew persuni kompetenti biex jinnotifikaw ir-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan li l-proċeduri interni neċessarji biex tidħol fis-seħħ il-Ftehima ġew kompluti.

Il-Parlament huwa intitolat biex jagħti l-opinjoni tiegħu  dwar din il-Ftehima skont il-proċedura ta' konsultazzjoni f'konformità mal-Artikolu 83 'ftehimiet Internazzjonali', paragrafu 7, li jaqra kif ġej:

"Il-Parlament għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fuq, jew il-kunsens tiegħu, il-konklużjoni, it-tiġdid jew l-emendar ta' ftehima internazzjonali jew protokoll finanzjarju konklużi mill-Komunità Ewropea b'votazzjoni waħda bil-maġġoranza tal-voti mitfugħa mingħajr l-ammissibilità ta' emendi għat-test tal-ftehima jew tal-protokoll "

Fuq il-bażi ta' dan t'hawn fuq ir-rapporteur tiegħek jissuġġerrixxi li l-kumitat TRAN għandu jagħti opinjoni favorevoli dwar il-konklużjoni ta' din il-Ftehima.

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Ftehima bejn il-KE u l-Pakistan dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru |
| **Referenzi** | COM(2008)0081 – C6-0080/2009 – 2008/0036(CNS) |
| **Data meta ġie kkonsultat il-PE** | 3.3.2009 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | TRAN<br>9.3.2009 |
| **Rapporteur(s)**<br>Data tal-ħatra | Paolo Costa<br>25.3.2008 |
| **Proċedura simplifikata - data tad-deċiżjoni** | 25.3.2008 |
| **Data tal-adozzjoni** | 31.3.2009 |
| **Data tat-tressiq** | 1.4.2009 |